**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 280/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Geranzio Cuschieri**

Illum, 26 ta' April 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Geranzio Cuschieri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 466450M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Ottubru u fix-xhur ta' qabel ġewwa Qormi, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi izda biss biex jeżerċita' dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu innifsu lil Cuschieri Anthony iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Cuschieri Anthony fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 85(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Geranzio Cuschieri ħati tal-imputazzjoni mressqa kontra tiegħu u kkundanatu għal ħlas ta' multa ta' €200, filwaqt li ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-

Kodiċi Kriminali, ordnat lill-imputat jgħaddi ċ-ċwievet tal-katnazzi li għamel, fi żmien 24 siegħa mid-data tas-sentenza, biex b'hekk, Anthony Cuschieri jkollu jerġa' aċċess għal dawn il-kmamar.

Rat ir-rikors tal-appellant, Geranzio Cuschieri, ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata. *In subsidium*, f'kaz li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tal-imputat, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament inkwantu għall-piena, billi tinfliġġi piena inqas minn dik imposta u sproporzjonata u dan ai finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 1 ta' Frar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju minnu ventilat, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha tant illi huwa ma kellu qatt jinstab ħati tar-reat tar-*raġġion fattasi* lilu addebitat. Illi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawza u dan sabiex tqis, bil-poteri lilha fdati bil-liġi, jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu,[1] għaliex biss jekk jirriżulta tali nuqqas illi l-aggravju tal-appellant ikun jistħoqqlu akkoljiment.

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi, minnufih minn daqqa t'għajn lejn iċ-ċitazzjoni huwa evidenti illi l-prosekutur jonqos milli jindika s-sena meta l-allegata vjolazzjoni tal-liġi li dwarha jinsab mixli l-appellant seħħet. Illi fil-fatt l-appellant huwa mixli verbatim "**talli fix-xahar ta' Ottubru u fix-xhur ta' qabel ġewwa Qormi"**, bix-xilja tieqaf hemmhekk fir-rigward taż-żmien temporali meta allegatament seħħ ir-reat. Ebda wieħed mill-partijiet madanakollu ma ressaq dan l-ilment la quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas issa fi stadju ta' reviżjoni. Issa meta tiġi biex tqis aggravju dwar l-apprezzament tal-provi din il-Qorti trid neċessarjament tqis jekk il-konkluzjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti fid-dawl tal-mod tal-imputazzjoni addebitata lil ġudikabbli fiċ-ċitazzjoni bl-indikazzjonijiet ta' żmien u lok hemmhekk indikati jirriżultawx ippruvati.

Dan għaliex meta ċ-ċitazzjoni jkun fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok u żmien li jkunu jikkuntrastaw ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il-mori tal-kawża, jew inkella meta l-provi jindikaw fatti li ma jemerġux miċ-ċitazzjoni, u dan speċjalment meta l-Prosekuzzjoni ma tkunx talbet korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni sabiex din tirrifletti l-fattispecie tal-kawża in kwistjoni, allura l-każ ma jistax jirnexxi.

Illi, fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mary Briffa", fejn l-appellant f'dik il-kawża kien akkuzat b'reati li allegatament seħħew "***għall-ħabta tas-7.30 p.m.***" mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "***għall-ħabta tas-7.30 a.m.***"ntqal hekk –

> **L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament ġrat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirrizultax li ġara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab. Il-frazi "għall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegħa wara.**

Illi, d-diċitura tal-imputazzjoni għandha tirrifletti l-fattispecie tal-każ hekk kif jemerġu mill-provi almenu b'mod approssimattiv għal dak li jirrigwarda il-

partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat – ħaġa li f'dan il-kaz ma saritx, anzi hija għal kollox nieqsa. Fil-kaz odjern ma jirrizultax każ fejn hemm data ħażina jew diskrepanza fil-ħin, iżda huwa nieqes għal kollox l-indikazzjoni taż-żmien temporali li fih allegatament seħħ ir-reat, biex b'hekk għal Qorti huwa impossibbli li tasal biex issib ħtija meta il-binarji tal-azzjoni ma humiex definiti għal kollox. Iċ-ċitazzjoni tippekka serjament meta ma tindikax iż-żmien temporali li fih allegatament kien kommess ir-reat mill-appellant li dwaru huwa kien mixli.

Illi għalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet diversi provi li taw xenarju ta' fatti li jistgħu jagħtu lok għal reita', fejn il-kwerelant Anthony Cuschieri jindika illi huwa sab il-bieb ta' kamra fl-għalqa in komuni li jagħmel użu minnha flimkien mal-appellant imsakkra b'katnazz f' Ottubru tas-sena 2022, madanakollu din il-Qorti, a kuntrarju tal-Ewwel Qorti qabilha, ma tistax tasal biex issib ħtija fl-appellant għal dawn il-fatti li ma jistgħu qatt jinkwadraw rwieħhom fix-xilja addebitata lilu fiċ-ċitazzjoni. Dan għaliex din il-Qorti ma tistax torbot dawk il-fatti li jemerġu mill-provi mal-imputazzjoni kif ifformulata. *In oltre*, minkejja dan l-iżball evidenti fiċ-ċitazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma talbet l-ebda korrezzjoni fir-rigward fil-kors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Dina l-Qorti għalhekk tqis illi l-Ewwel Qorti ma setatx issib ħtija fl-appellant fir-rigward ta' l-unika imputazzjoni dedotta kontrih billi ma hux indikat, fil-mod kif ġie mixli, iż-żmien temporali meta allegatament seħħ ir-reat, bil-Qorti ma tistax torbot il-fatti li jemerġu mill-provi mal-akkuża kif ifformulata. Għaldaqstant l-appellant għandu jkun illiberat mill-imputazzjoni lilu addebitata.

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet il-Qorti ma tarax illi għandha għalfejn tinoltra ruħha fl-aggravju hekk kif imfassal mill-appellant.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost. Tgħaddi għalhekk sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant Geranzio Cuschieri minn kull ħtija u piena.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**